MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tal-11 ta' April, 2008

Numru 249/2008

**Rat l-imputazzjoni dedotta kontra David Buttigieg ta' 24 sena iben Angelo u Maria nee Cassar mwieled Canada fil-5 ta' Jannar 1984 u residenti 62 Triq Spadaro Zabbar, ID 522796M.**

**Akkuzat talli nahr is-27 ta' Marzu 2008 ghall-habta ta' 4.45pm gewwa Triq Tul il-Kosta, Bahar ic-Caghaq limiti tan-Naxxar waqt li kien qed isuq il-vettura BCY 930 ta' l-ghamla Dennis b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta'; hila jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti involontarjament bl-istess traskuragni tieghu kkaguna offizi gravi/hfief fuq il-persuni ta' Jake Griffiths u George Wilkins ta' eta minuri mir-Renju Unit u dan kif ccertifika Dr. Gregory Attard MD ta' St. James Hospital Sliema.**

**Il-Qorti kienet mitluba illi fil-kaz ta' htija tiskwalifika lill-imputat milli jkollu licenzja tas-sewqan ghal dak il-perjodu li jidrilha xieraq jekk ikun il-kaz.**

**Rat illi l-kwerela giet rtirata. Rat illi l-griehi huma hfief u ghal hekk hija kompetenti li tisma' dan il-kaz minghajr ma tmur bl-Istruttorja. Ghal daqstant wara li rat l-Artikolu 221 tal-Kap 9, stante li l-griehi kienu hfief kif wkoll li l-kwerela giet rtirata, qed tiddikjara illi l-imputat ghandu jigi liberat minn kull imputazzjoni dedotta kontra tieghu.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------